

# Talba ta' Michell Quoist għall-Milied

Mulej Ġesu, mingħajr ħafna diffikulta' nemmen li int Alla. Il-Missier, dan għarrafulna... u nirringrazzjaħ għal dan id-don sabih li jittrasforma l'ħajti... imma nistqarr li mhux faċli għalija nemmen li int bniedem bħalna.
Mhux xi super-bniedem : imma bniedem bħalna. Bniedem veru! Ma ppretendejtx li tilgħaba ta' bniedem, biex tagħmilha ta' wieħed minna...
Għalija din hija l-isbaħ aħbar, li timlieni b'sentimenti ta' radd il-ħajr u ta' ferħ, meta nikkontemplaha f'qalbi.
Għaliex hija għal għajnejja l-prova l-aktar żgura li tħobbna aktar minn kull ħaġa oħra, u li din l-imħabba hija hekk qribna li nistgħu immissuha b'idejna... imħabba li tniżżel l-għeruq fina.
Għaliex stajt ħabbejtna mill-bogħod u bgħattilna xi ambaxxatur li jirrappreżentak... iżda minflok iċċaqlaqt int personalment.
Ġejt fostna, bniedem bħalna, daqshekk bħalna li sirna aħwa!
Aħwa tat-tarbija li tibki, li tixrob il-ħalib t'ommha.
Aħwa tat-tfajjel li jitgħallem jaqra, jitlob...
Aħwa tal-bniedem li ippriedka daqshekk sabiħ... ħafna sabiħ, li miet fost ħafna tbatija joffri ħajtu għalina.

**GĦAŻIŻ ĦUNA ĠESU', GRAZZI TALLI ĠEJT FOSTNA BĦALA BNIEDEM VERU!**

## It-Talba tal-ġimgħa



***Mulej Ġesu', quddiem dak li ma nifhimx xi trid minni, agħtini d-dawl tiegħek, biex ma jkun qatt li jien naħrab mir-responsabilta' ta' dak li tafdali fl-imħabba tiegħek.***


Djoċesi ta' Għawdex
Bullettin tal-Ħadd

Ir-Raba' Ħadd ta' l-Avvent tas-Sena A - Id-39 Sena (2022) 23 ta' Diċembru 2007

# La Tibżax!



**Mill-Vanġelu ta' San Mattew. Mt. 1, 18-24**
It-tnissil ta' Ġesu' Kristu sar hekk : Ommu Marija wara li tgħarrset ma' Ġużeppi, qabel ma' marru joqgħodu flimkien ħarġet tqila bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu. Żewġha Ġużeppi, li kien raġel ġust u li ma riedx ixandarha quddiem kulħadd, għamel f'rasu li jibgħata bil-moħbi tan-nies. Wara li qatagħha li jagħmel hekk, deherlu anġlu tal-Mulej fil-ħolm u qallu: Ġużeppi, bin David, la tibżax tilqa' għandek lil Marija b'martek, għax dak li tnissel fiha ġie bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu. Hi ikollha iben, u inti ssemmih Ġesu, għax u jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom".

**RIFLESSJONI:**

- F'din ix-xena l-iktar li tispikka hija l-persuna ta' Ġużeppi li dan l-isem ifisser "Alla jżiedlek mill-ħajja tiegħu".
- Ġużeppi huwa l-għarus ta' Marija. Il-bniedem huwa magħmul biex jitgħarras ma' dak li jagħtih id-doni ta' Alla.
- Huwa juri prudenza kbira quddiem l-misteru li seħħ f'Marija u b'rispett lejha ried jitlaqha
- Meta nfittxu li ngħarfu ir-rieda ta' Alla, Huwa jinqeda b'mezzi sempliċi biex jurina r-rieda tiegħu, bħalma għamel ma' Ġużeppi fil-ħolm.
- Il-biża iwassalna biex naħarbu mir-responsabilta' li jkollna. Għalhekk importanti li jkollna fidi f'Alla.
- Ġie li int ma wettaqx dak li ried minnek Alla minħabba l-biża?